# KUNSILL LOKALI MTARFA

---

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 2 – IT-TNEJN 15 TA' APRIL 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7 :30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm membri tal-pubbliku jattendu.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 1

1.1 Il-minuti ġew meqjusa bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emendi. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti mill-minuti.

### 3. KOMMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku beda billi għal darb'oħra appella biex il-Kunsill kollu jaħdem f'daqqa lkoll flimkien bħala grupp wieħed filwaqt li ħeġġeġ lil kull Kunsillier biex ikun proattiv fuq id-dekasteri tiegħu.

3.2 Is-Sindku wera x-xewqa li l-Kunsill jagħmel talba għad-devoluzzjoni tal-playing field il-ġdid. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud iżda, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jistenna sakemm il-proġett kollu jkun lest qabel ma ssir it-talba.

3.3 Hawnhekk tqajjmet diskussjoni fejn kien hemm qbil unanimu li m'għandux ikun hemm diskussjonijiet u/jew kummenti b'mod parteġġjan fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill jew fuq il-paġni tal-Kunsillieri rispettivi.

3.4 Fuq talba tas-Sindku, kien hemm qbil li għandhom jinġabu kwotazzjonijiet sabiex il-binja amministrattiva tal-Kunsill tingħata *facelift*.

3.5 Is-Sindku qara kommunikazzjoni mingħand resident fejn dan talab li jitneħħew is-*sleeping policemen* mit-toroq tal-Imtarfa. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jivverifika fejn hemm bżonn li jibqgħu u fejn jistgħu jiġu mibdula ma' *rumble strips* jew inkella ma' *sleeping policemen* aktar paxxuti. Il-Kunsillier Mifsud informa li l-i*sleeping policemen* li hawn fil-lokalità huma kollha bil-permess ta' TM u uħud minnhom saħansitra tpoġġew

minnhom stess meta saret ir-rikostruzzjoni tat-toroq. Kien hemm qbil li meta l-Kunsill ikollu s-servizz tal-Perit, se jikkonferma jekk l-għoli ta' dawk li diġà hemm humiex konformi mal-i*specifications* ta' TM.

3.6 Is-SE infurmat li l-offerta tal-perit kienet se tiskadi nhar l-20 ta' Mejju u għaldaqstant se jkollha bżonn ta' żewġ kunsilliera.

3.7 Is-SE qrat żewġ kommunikazzjonijiet ta' awgurju li kien irċieva l-Kunsill, waħda mingħand l-Imtarfa FC u oħra mingħand l-ANSEK.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-Kunsillier Vella staqsa dwar il-kont tas-Sur Cortis għal manutenzjoni tal-gazebo. Is-SE infurmat li kienet għaddiet kwotazzjoni f'laqgħa preċedenti u kienet ġiet approvata.

4.2 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xhur ta' Frar u Marzu. Kopji tagħhom huma annessi.

4.3 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.4 Is-SE infurmat li l-Kunsillier Mifsud kien aċċetta li l-pagament kollu dovut lilu għax-xahar ta' Marzu jitħallas kollu lura bħala parti mir-rifużjoni tas-Sindku. Huwa kien se jħallas ukoll €700 fix-xahar ta' Ġunju u l-aħħar €202.99 sal-aħħar tax-xahar ta' Diċembru 2013.

## 5. AĠĠUDIKAR TAL-OFFERTI

5.1 Is-SE infurmat li meta kienet qed tfittex f'xi fajls li kienu arkivjati, irnexxielha ssib il-ftehim iffirmat bejn ir-rappreżentanti tal-Kunsill u s-Sur Said fir-rigward tal-kuntratt tat-tindif tal-latrini. Hija wriet kopja ta' dan il-ftehim li kien juri biċ-ċar li l-ftehim kien biss għal sena u jiġġedded sa sena oħra u mhux għal tlett snin. Kien hemm qbil għaldaqstant li l-Kunsill għandu jtemm il-kuntratt ta' dan is-servizz mas-Sur Vincent Said fl-aħħar ta' April sabiex il-kuntratt il-ġdid jinbeda minn l-1 ta' Mejju 2013.

5.2 Il-Kunsill qabel li fir-rigward tal-kuntratt tal-latrini għandu jagħżel l-offerta ta' Euroclean għaliex kienet l-aktar waħda rħisa.

## 6. ATTIVITAJIET LI ĠEJJIN

6.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li għal Jum l-Imtarfa jiġu organizzati l-attivitajiet li ġejjin –

a) Attività Sportiva bl-għajnuna tal-KMS u possibbilment xi entitajiet lokali. Il-Kunsillier Mifsud talab li jiġu mistiedna anke tas-Sapport u l-ATC. Kien hemm qbil li għandha ssir din l-attività u li jintalbu €3 għal kull parteċipant bħala *commitment*. Bħala ringrazzjament lura, kull min jattendi kien se jingħata *t-shirt* u medalja kif ukoll possibbilment xi frotta u flixkun ilma.

b) Tħawwil ta' siġar fejn ir-residenti jiġu mħeġġa jagħtu donazzjoni ta' €10 lil xi karità biex iħawlu u jippersonalizzaw siġra. Kien hemm qbil li huwa ġest sabiħ u li l-karità li tibbenefika għandha tkun il-Hospice Malta.

ċ) Lejla Mtarfa – Attività bil-kant u l-mużika u bil-bandalori u l-kjosks biex tingħata atmosfera ta' festa tar-raħal. Bħala parteċipanti, huwa ssuġġerixxa li jkun hemm ħin għal talent lokali fil-bidu, imbagħad ikun hemm Ġorġ u Pawlu, Joe Demicoli kif ukoll l-aħwa Spiteri Lucas bil-parteċipazzjoni ta' żewġ kantanti. Huwa spjega li għalkemm il-ħlas għal dawn l-*entertainers* kien ta' €1600 komplessivament, huwa kien persważ li din setgħet tkun attività sabiħa għall-kommunità kollha. Il-Kunsill kollu qabel unanimament.

6.2 Is-Sindku informa li kemm-il darba wieħed ikun jaf b'xi *sponsors*, huwa mitlub li javviċina lis-SE. Hawnhekk kien hemm qbil li, fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud,

kemm-il darba xi entità tagħti inqas minn €100 bħala għajnuna finanzjarja, il-Kunsill ma kellux jagħmel riklam fuq il-mezzi ta' pubbliċità li jintużaw.

6.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar kemm qed jantiċipa li tiswa l-attività kollha, is-Sindku informa li l-ħsieb huwa li probabbilment din titla' għal madwar €3500 jew €4000 għall-attivitajiet kollha. Min-naħa l-oħra iżda, huwa kien qed jantiċipa li jkun hemm xi dħul lura sabiex tittaffa din is-somma.

6.4 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li l-Kunsill Pastorali jiġi mitlub jarma mejda b'ikel Malti.

6.5 Is-Sindku ssuġġerixxa li għal din id-darba, ma jingħatawx Ġieħ u Mertu l-Imtarfa minħabba li ż-żmien kien ristrett ħafna. Minħabba li ma kienx hemm qbil fuq dan, il-Kunsill qabel li l-għada tal-laqgħa għandha tintbagħat ittra lir-residenti kollha u d-data biex wieħed jinnomina għandha tkun it-Tnejn 22 ta' April sa nofsinhar. Kien hemm qbil li s-Sindku u l-Kunsillier Fenech għandhom jiltaqgħu aktar tard dakinhar sabiex jagħżlu ż-żewġ persuni minn dawk nominati.

## 7. XIRI TA' KOMPJUTER GĦALL-UFFIĊĊJU TAS-SINDKU

7.1 Ma kienx hemm oġġezzjoni għall-proposta tas-Sindku li jinxtara kompjuter għall-użu tas-Sindku minħabba li kienet l-intenzjoni tiegħu li jibda jagħmel numru ta' sigħat fl-uffiċċju matul il-ġimgħa. Kien hemm qbil li possibbilment il-baġitt għalih ikun madwar €800.

## 8. SKEMA TAL-AWTORITÀ TAD-DJAR

8.1 Minħabba li probabbilment kien se jifdal xi ammont ta' flus mill-iskema tal-Awtorità tad-Djar, is-SE talbet lill-Kunsill biex jelenka numru ta' prijoritajiet sabiex ikollha gwida. Kien hemm qbil li għandha ssir il-bankina fi Triq Ħażnet l-Ilma, għandhom jinxtraw xi laned tal-iskart ġodda, u jiġi rranġat il-passaġġ ta' bejn il-*barracks*.

8.2 Il-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud li għandu jkun hemm għajnuna finanzjarja għal min jixtieq jixtri *solar panels* minħabba li diġà kien hemm skemi tal-Gvern Ċentrali.

## 9. ILMENTI

9.1 Is-Sindku informa li sabiex ikun hemm aktar kontroll fuq l-ilmenti, kien se jibda jiġi enfasizzat mal-istaff tal-Kunsill li dawn għandhom jirreġistaw l-ilmenti kollha li jidħlu fl-uffiċċju. Huwa informa li s-SE diġaà kienet bagħtet kommunikazzjoni dwar din il-proċedura, li għalkemm mhux ġdida, kellha l-bżonn li titħaddem aktar. Huwa spjega wkoll li b'dan il-mod, ma jkunx hemm aktar għalfejn il-Kunsilliera jwasslu l-ilmenti u s-suġġerimenti waqt il-laqgħa tal-Kunsill, imma dawn jibdew jitressqu mis-SE meta jkun hemm bżonn ta' deċiżjoni.

9.2 Il-Kunsill kollu qabel ma' din il-proposta.

## 10. PUNTI OĦRA

10.1 Il-Kunsillier Bugeja ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jibdel numru ta' tabelli tat-toroq li kienu fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment. Kien hemm qbil li għandha ssir nefqa inizjali ta' madwar €400.

10.2 Kien hemm qbil ukoll li għandhom jinbidlu numru ta' ismijiet tat-toroq li ġew ivvandalizzati matul xi ġimgħat qabel.

10.3 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Bugeja, kien hemm qbil li s-SE għandha terġa' tiġbed l-attenzjoni tal-kennies sabiex jagħmel użu mill-ġakketta s-safra biex ikun aktar viżibbli.

10.4 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech, kien hemm qbil li għandu jiġi rranġat parti minn taraġ fi Triq Sir Leslie Rundle.

10.5 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li għandu jsir xi tip ta' mezz biex l-ilma minn Triq Sir Leslie Rundle jinżel għal Triq is-27 ta' April. Kien hemm qbil iżda li l-Kunsill għandu jistenna sakemm ikollu s-servizz tal-perit.

10.6 Il-Kunsillier Fenech propona li l-Kunsill għandu jara li Triq San Oswald, Triq Mikiel Fsadni u Triq Joseph Calleja jiġu mogħtija kisja tarmak. Il-Kunsillier Mifsud talab li l-Kunsill jikkunsidra wkoll Triq it-Torri l-Aħmar. Hawnhekk il-Kunsill kollu qabel li dawn l-4 toroq għandhom ikunu fil-prijorità tal-lista ta' xogħlijiet tal-Kunsill.

10.7 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li kienu għaddew it-tlett sigħat tal-laqgħa. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli bil-laqgħa.

10.8 Il-Kunsillier Bugeja informa li l-Ħamis kienu se jsiru s-sinjali tal-art kif ukoll il-*cats eyes* fi Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello. Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikkunsidra jnaqqas parti mil-liwja ta' din it-triq minħabba li hija perikoluża. Min-naħa l-oħra, għalkemm kulħadd qabel fil-prinċipju, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jara li dan ix-xogħol għandu jkun parti minn proġett ħolistiku għat-triq kollha. Il-Kunsillier Mifsud issuġġerixxa wkoll li 'l quddiem, wieħed għandu jesplora l-possibbiltà li din it-triq tiġi fuq direzzjoni unika.

10.9 Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li titneħħa s-central strip li hemm f'nofs Triq il-Faqqiegħ. Għalkemm kien hemm qbil fil-prinċipju, il-Kunsill qabel li għandu jistenna li jkollu s-servizz ta' perit u jaħdem fuq proġett ħolistiku biex jiċċekknu jew jitneħħew ċertu bankini wiesgħa inutilment.

10.10 Il-Kunsillier Fenech fakkar lis-SE li għandu jsir xogħol fuq sprall fi Triq l-Imtarfa.

10.11 Il-Kunsillier Fenech fakkar lis-SE li kellhom isiru żewġ marki biż-żebgħa viċin tal-Iskola Primarja.

10.12 Il-Kunsillier Fenech issuġġerixxa li l-bankina quddiem Binja Buqana għandha tiċkien. Għal darb'oħra l-Kunsill qabel fuq il-kunċett li ċertu bankini m'għandhomx jibqgħu daqstant wisgħin, u li hemm bżonn li jsir eżerċizzju biex bankini simili jiġu alterati sabiex isirulhom xi alterazzjonijiet biex nakkomodaw aktar parkeġġ fit-toroq.

10.13 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Mifsud dwar is-sitwazzjoni tad-dawl f'Binja Qlejgħa, is-SE infurmat li kienet tkellmet ma' uffiċjal tal-Awtorità u li dan kien issuġġerixxa li tikteb lis-CEO sabiex il-Kunsill jagħmel użu minn konsulenza ta' inġiniera sabiex tinħareġ l-offerta għad-dawl ta' Binja Qlejgħa u Binja Msieraħ. Għaldaqstant hija kienet se tibgħat kommunikazzjoni lis-CEO f'dan ir-rigward.

10.14 Fuq talba tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni lill-Uffiċċju tal-President dwar ħmieġ u ġrieden fil-parti tal-ġnien tas-Sisters Quarters li qed jiġu restawrati.

10.15 Fuq talba tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li meta l-Kunsill ikollu l-perit tiegħu, għandu jitolbu jiċċertifika li t-torri tal-arloġġ huwa b'saħħtu biżżejjed li jibda jintuża b'mod turistiku.

10.16 Fuq talba tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika fiex waslet l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni tal-*Isolation Hospital* u t-torri tal-ilma. Huwa talab ukoll li s-SE għandha tibqa' tinsisti mal-Awtorità tad-Djar sabiex il-Kunsill jibda jagħmel użu uffiċjali mill-kamra tal-periti.

10.17 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar il-garaxxijiet ta' Binja Qlejgħa, il-Kunsillier Mifsud informa li meta kien iltaqa' mas-CEO, dan kien infurmah li min xtara l-garaxx qabel l-2003, għandu dritt għal kumpens jekk jinstab li sar xi intervent mill-Kunsill.

10.18 Is-Sindku informa li kellu korrispondenza minn TM li qed tordna lill-Kunsill sabiex jaqla' sinjali ta' No Parking minn Triq il-Ġiżi. Għalkemm din l-ittra tidher li ntbagħtet lill-Kunsill numru ta' snin, il-Kunsillier Mifsud informa li qatt ma kienet inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li għandu jsir eżerċizzju ma' toroq oħra simili sabiex ma jkunx hemm diskriminazzjoni mar-residenti l-oħra.

10.19 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għandu jsir *railing* mal-bankina fi Triq l-Imtarfa.

10.20 Kien hemm qbil fuq prinċipju mas-suġġeriment tas-Sindku li għandu jsir restawr tal-monument fi Triq San David. Min-naħa l-oħra kien hemm qbil mas-suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud biex il-Kunsill jistenna li toħroġ skema biex ikun jista' japplika għall-fondi.

10.21 Kien hemm qbil li l-Kunsillier Bugeja għandu jara mal-Perit ta' TM dwar x'jista' jsir dwar ħruġ inqas perikoluż fil-*bypass* li tagħti miċ-ċentru tal-Imtarfa lejn ir-Rabat.

10.22 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li possibbilment il-Kunsill m'għandux iħalli lmenti u suġġerimenti żgħar għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill għaliex dawn jieħdu ħafna ħin prezzjuz. Hija fakkret li l-Kunsill għandu jiddiskuti punti li għandhom bżonn ta' deċiżjonijiet.

10.23 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li tinstab soluzzjoni temporanja għas-*safety* tat-tfal fi Triq l-Imtarfa ma' Triq il-Ferrovija.

## 11. AĠĠORNAMENT

11.1 Il-laqgħa spiċċat fil-11:15pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2013 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**